# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015**

**Numru 1**

**Rikors numru 1870/1998 GC**

***Dingli Co. International Ltd***
**bhala agent Malta f'isem is-socjeta` estera *The Performing Right Society Limited* ta' Londra, l-Ingilterra**

**v.**

***Rainbow Productions Limited* ;**
**u b'dikriet tal-21 ta' Marzu 2000 l-isem tas-socjeta` konvenuta gie sostitwit ghal *One Productions Limited***

**Il-Qorti:**

## I. <u>Il-premessi tac-citazzjoni</u>

Is-socjeta` attrici pprezentat citazzjoni fejn **ippremettiet** :-

*Illi s-socjeta` konvenuta, permezz ta` l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem “Super One Radio” liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq frekwenza lilu allokata 92.7 Mkz FM, xandret jew gieghel lil hadd iehor ixandar f’Malta sa mill-31 ta’ Ottubru 1994, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil haddiehor ixandar f’Malta diversi xoghlijiet muzikali tutelati ossia “copyright” u debitament ikkontrollati mis-socjeta` attrici a rigward ta’ liema xoghlijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f’Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi.*

*Illi ghal fuq imsemmi xandir is-socjeta` konvenuta ma kienitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenzja relativa minghand is-socjeta` attrici skond kif kien mehtieg a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) tal-Att dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta).*

*Illi peress illi b’hekk is-socjeta` konvenuta giet li ttrasgrediet u ghadha qieghda tittrasgredixxi d-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestita fis-socjeta` attrici.*

*Illi b’konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestit fis-socjeta` attrici l-istess socjeta` attrici soffriet dan konsiderevoli, senjatament in-nuqqas ta’ hlas tar-“Royalties” lilha dovuti skond it-tariffi taghha vigenti filwaqt il-perijodu kollu tat-trasgressjoni .*

*Illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi anke gudizzjarjament sabiex tottempera ruhha mal-ligi billi tapplika ghal u tottjeni l-hrug tal-licenzja relativa l-istess socjeta` konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.*

## II. **<u>It-talbiet</u>**

Is-socjeta` attrici **<u>talbet</u>** ghaliex :-

*1. m’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi s-socjeta` konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici billi sa mill-31 ta’ Ottubru 1994 u permezz ta’ l-istazzjoni tar-radju taghha li jgib l-isem “Super One Radio”, liema*

*stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta' 92.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lill hadd iehor ixandar f'Malta u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lill hadd iehor jxandar f'Malta, dawk l-istess xogholjiet muzikali – a rigward ta' liema xoghlijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi ;*

*2. m'ghandhiex dina l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhal konsegwenza ta' din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici ;*

*3. m'ghandhiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata minn dina l-Qorti sabiex thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi hekk likwidatata in linea ta' danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta' din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici ; u*

*4. m'ghandhiex is-socjeta` konvenuta tigi inibita milli ixxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati ossia 'Copyright' u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relativa minghand is-socjeta` attrici, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizjonijet tal- Att Dwar Id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta) taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda ;*

*Bl-ispejjez kontra is-socjeta` konvenuta li giet ingjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.*

## III. <u>L-eccezzjonijiet</u>

Is-socjeta` konvenuta **<u>eccepiet</u>** :-

*1. Fl-ewwel lok il-lis alibi pendens, billi l-istess talbiet attrici diga' jinsabu dedotti mill-istess socjeta` attrici kontra l-istess konvenuta fil-kawza fl-ismijiet "l-Avukat Kevin. F. Dingli noe versus Jimmy Magro et noe (Citaz. Nru. 1489/94 AJM) li tinsab pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ;*

*2. Preliminarjament ukoll, is-socjeta` attrici ghandha tipprova li l-persuna li ffirmat il-prokura rilaxxjata mill-Performing Rights Society Limited a favur tas-Socjeta` Dingli Co. International Ltd. (Dok.A) hi fil-fatt il-persuna guridikament idoneja skond l-istatut tal-istess Performing Rights Society Limited, biex fil-fatt taghti tali mandat u fin-nuqqas l-eccepjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*3. Preliminarjament ukoll s-socjeta` attrici nonime ghandha tindika dettaljatament liema xoghlijiet qed tallega li tgawdi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f'Malta' u li xxandru mis-socjeta` eccepjenti ;*

*4. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

## IV. Is-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Ottubru 1999

Fit-12 ta' Ottubru 1999, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza parzjali fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha.

## V. Is-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti tat-3 ta' Ottubru 2008

Fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza parzjali fejn laqghet l-ewwel talba attrici, u ddikjarat illi s-socjeta` konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici, billi sa mill-31 ta' Ottubru 1994 u permezz ta' l-istazzjoni tar-radju taghha li jgib l-isem "Super One Radio", liema stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta' 92.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil hadd iehor ixandar f'Malta u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil hadd iehor jxandar f'Malta, dawk l-istess xoghljiet muzikali li ghar-rigward taghhom is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi. L-ispejjez baqghu riservati ghall-gudizzju finali.

## VI. Is-sentenza finali tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Lulju 2010

Fil-15 ta' Lulju 2010, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza finali fejn kien deciz :-

*Fid-dawl ta' dan kollu u b'referenza ghall-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici fis-somma ta' hamsin elf disa' mija u sittin euro (€50,960) u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta` attrici. Tinibixxi s-socjeta` konvenuta milli ixxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati ossia 'copyright' u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tottjeniex il-licenzja rellattiva minghand is-socjeta` attrici, u dan a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizjonijet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta) taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni ta' din l-ordni. Spejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta … Spejjez riservati ghal gudizzju finali.*

## VII. <u>L-appell</u>

Is-socjeta` konvenuta appellat kemm mis-sentenza parzjali tat-3 ta' Ottubru 2008 kif ukoll minn dik finali tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Talbet ir-revoka u thassir taz-zewg sentenzi, l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet taghha u c-cahda tat-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

## VIII. <u>Is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2014</u>

L-appell kien deciz fit-28 ta' Frar 2014. Id-decide kien jghid hekk :-

*… tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` konvenuta One Productions Ltd. billi tilqa' l-istess biss in parte, fis-sens li tichad l-appell in kwantu dirett kontra s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008, u allura tikkonferma dik is-sentenza, izda tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Lulju, 2010, fis-sens biss li tillikwida d-danni fl-ammont ta' €7000 (flok il-€50,960 likwidat mill-ewwel Qorti) u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.*

*L-ispejjes tal-kawza marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Ottubru 2008, jithallsu mis-socjeta` konvenuta One Productions Ltd., filwaqt li l-ispejjez marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Lulju*

*2010, u ma' din is-sentenza ta' din il-Qorti jithallsu bin-nofs bejn il-partijiiet.*

## IX. Ir-rikors ta' ritrattazzjoni

Is-socjeta` konvenuta pprezentat rikors fejn talbet it-thassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2014 u t-trattazzjoni tal-appell mill-gdid ai termini tal-Art 811(e) tal-Kap 12. Talbet il-konferma tas-sentenzi tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Ottubru 1999, tat-3 ta' Ottubru 2008 u tal-15 ta' Lulju 2010. Talbet ic-cahda tal-appell tas-socjeta` konvenuta u tal-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, u dawk tal-procedura ta' ritrattazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

## X. Ir-risposta tas-socjeta` konvenuta

Fir-risposta taghha, is-socjeta` konvenuta ssottomettiet illi l-Qorti ghandha tichad it-talba tas-socjeta` attrici ghat-thassir tas-sentenza tat-28 ta' Frar 2014 u ghat-trattazzjoni mill-gdid tal-appell, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

## XI. Is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 2015

B'sentenza li tat fis-27 ta' April 2015, din il-Qorti hassret is-sentenza taghha tat-28 ta' Frar 2014 u ordnat illi l-appell jinstema' mill-gdid bl-ispejjez jigu regolati skond is-sentenza finali.

## XII. L-aggravji tal-appell

Fir-rikors ta' appell li pprezentat is-socjeta` konvenuta fit-2 ta' Awissu 2000 wara s-sentenza finali tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju 2010, is-socjeta` konvenuta indikat tliet aggravji :-

a) illi s-socjeta` attrici naqset li turi li min ghamlilha l-prokura kellu l-mandat mehtieg biex jaghmel dan ;

b) illi naqset li tipprova skond il-ligi l-pretensjonijiet taghha ;

c) illi l-ammont likwidat mill-Qorti huwa eccessiv.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Frar 2014, din il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni aggravji, laqghet it-tielet aggravju u llikwidat favur is-socjeta` attrici danni inferjuri ghal dawk li llikwidat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-15 ta' Lulju 2010.

Fir-rikors tar-ritrattazzjoni, il-kap mis-sentenza tat-28 ta' Frar 2014 li kien attakkat mis-socjeta` attrici kien dak relattiv ghad-danni li kienu likwidati favur taghha.

Bis-sentenza tas-27 ta' April 2015, thassret is-sentenza tat-28 ta' Frar 2014, u kien ordnat is-smigh mill-gdid tal-appell, ghaliex il-Qorti accettat illi l-mod kif kienu likwidati d-danni fis-sentenza tat-28 ta' Frar 2014 kien raguni ghal ritrattazzjoni skond l-Art 811(e) tal-Kap 12.

B'applikazzjoni tal-Art 813 tal-Kap 12, din il-Qorti, filwaqt illi qieghda tirriafferma l-kapi tas-sentenza tat-28 ta' Frar 2014 li ma gewx attakkati fir-rikors tar-ritrattazzjoni, qieghda tichad l-ewwel u t-tieni aggravji tas-socjeta` konvenuta, u sejra tghaddi biex tqis it-tielet aggravju.

## XIII. <u>It-tielet aggravju</u>

Fis-sentenza taghha tal-15 ta' Lulju, 2010, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet hekk dwar il-quantum tad-danni :-

*Is-socjeta` attrici, fin-nota taghha tal-4 ta' Frar 2009 (fol.320), issottomettiet li d-danni minnha pretizi ghas-snin in kwestjoni u cioe` mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Dicembru 1998 jammontaw ghal wiehed u ghoxrin elf tmien mija u seba u sebghin liri maltin (Lm21,877) ekwivalenti ghal hamsin elf disa' mija u sittin euro (€50,960).*

*Dawn l-ammonti jirrizultaw gustifikati stante li huma ibbazati fuq it-tariffa li hi applikabbli (Dok.C) ghall-kaz in esami u liema tariffa giet ukoll approvata mill-Awtorita` kompetenti. Inoltre l-ammont li gie applikat mis-socjeta` attrici ghar-rigward tas-sena finanzarja 1995 hu gustifikat u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz li jirrizultaw f'dan ir-rigward. Gustament gie applikat skont ta' 15% fuq il-Gross Broadcasting Revenue, liema skont jirrifletti xi ammonti li setghu thallsu mis-socjeta` konvenuta lill-agenziji tar-reklamar.*

Ghalhekk il-Prim' Awla tal-Qorti Civili llikwidat danni favur is-socjeta` attrici fl-ammont ta' €50,960.

Fir-rikors tal-appell, fil-qosor, is-socjeta` konvenuta rrilevat dwar il-quantum tad-danni illi t-tariffi ta' The Performing Right Society Limited ('PRS') [fol 56 – Dok C] qatt ma kienu approvati mill-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur ('Bord') stabbilit skond il-Kap 196. Tghid illi ghalkemm is-socjeta` attrici attribwiet ksur da parti taghha ghas-snin ta' bejn l-1995 u l-1998, irrizultaw biss infrazzjonijiet ghal perijodi partikolari matul l-1998. Issostni li d-danni li jsemmi l-Art 13(3) tal-Kap 196 ghandhom jigu likwidati skond kif jipprevedi l-Art 1045 tal-Kap 16, u cioe` trid issir il-prova tat-telf effettiv. Skond is-socjeta` konvenuta, ma kenitx gustifikata l-pretensjoni tas-socjeta` attrici illi t-telf taghhom jinhadem fuq it-'turnover' tas-socjeta` konvenuta billi r-radju kien jirrapprezenta biss 25% tat-'turnover' tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta tikkontendi li d-danni ghandhom ikunu relatati mat-trasgressjoni specifika tax-xoghlijiet partikolari, mhux fuq dawk ta' awturi ohra; b'hekk id-danni likwidati huma eccessivi ghaliex qeghdin jinghataw danni lil awturi li x-xoghlijiet taghhom ma kinux imxandra.

Fil-qosor, fir-risposta taghha, is-socjeta` attrici tikkontendi li d-danni li kkomputat u li taghhom talbet il-hlas kienu ppruvati u accettati mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma taghha, id-danni taghha kif likwidati mill-Ewwel Qorti huma sorretti mill-gurisprudenza. Tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru 2007 fil-kawza "**Dingli Co. International Ltd noe vs Smash Communications Ltd**".

Fis-sentenza taghha *in rescindendo,* din il-Qorti sabet illi skond il-Kap 196, li hija l-ligi li tghodd ghall-kawza tal-lum, huma t-tariffi tad-drittijiet li abbazi taghhom is-socjeta` attrici bniet il-pretensjoni taghha li kellhom japplikaw, mhux tariffi approvati preventivament mill-Bord. Din tal-ahhar hija materja li kienet introdotta fil-Kap 415.

Fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2007 fil-kawza "**Dingli Co. International Ltd noe vs Smash Communications Ltd**" din il-Qorti qalet hekk :-

*"Is-socjeta` konvenuta qed titlob danni konsistenti fin-nuqqas ta' hlas tar-"Royalties" lilha dovuti skond it-Tariffi taghha li kienu japplikaw fil-perjodu kollu tat-trasgressjoni (Dok B2 a fol 53). Id-danni reklamati mis-socjeta` attrici huma dovuti lilha billi d-drittijiet ta' awturi tas-siltiet muzikali gew mghoddija lis-socjeta` attrici.*

*"Fil-kaz in ezami stante li n-Net Broadcasting Revenue tas-socjeta` konvenuta ma jabizx is-somma ta' Lm230,000 it-tariffa rilevanti hija dika ta' 3% mahduma fuq l-istess NBR. Is-socjeta` konvenuta, jekk ma taqbilx mat-tariffa tas-socjeta` attrici, setghet tirrikorri quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur sabiex titlob li tigi stabbilita t-tariffa xierqa skond il-ligi.*

*"Is-socjeta` konvenuta qed tissottometti li l-istazzjon Smash Radio ma jxandarx muzika biss u anke jekk ixandar aktar min-nofs bhala muzika, ma jfissirx li l-muzika kollha hija koperta bid-drittijiet ta' l-awtur protetti mis-socjeta` attrici. Ghalhekk huma jissottomettu li t-tariffa ghandha tapplika billi tikkunsidra nofs id-dhul ta' dan l-istazzjon.*

*"Il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess billi l-bazi tal-kalkolu ghad-drittijiet tas-socjeta` attrici huwa li n-Net Broadcasting Revenue is calculated as 85% of the gross revenue from broadcasting, li fuqu hemm tariffa tad-drittijiet taghha ta' 3%. Is-socjeta` attrici mhux qed tippretendi 85% tar-revenue tas-socjeta` konvenuta imma 3% fuq dan il-broadcasting revenue. Diga' gie indikat x'kellha taghmel is-socjeta` konvenuta meta ma qablitx ma' dina t-tariffa.*

*"Is-socjeta` attrici qed titlob dawn id-danni a tenur ta' l-artikolu 13 tal-Kap 196 billi t-trasgressjonijiet kienu gravi u kontinwi mentri l-penali prevista fl-artikolu 13(3) hija wahda rrizorja."*

Din il-Qorti rat u qieset il-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti miz-zewg partijiet. Rat ukoll in-nota li pprezentat is-socjeta` attrici quddiem l-Ewwel Qorti fl-4 ta' Frar 2000 a fol 320 sa 322 tal-process. Huwa evidenti illi meta s-socjeta` attrici kkwantifikat it-talba taghha, hija mxiet fuq il-linji traccjati minn din il-Qorti fis-sentenza "**Dingli Co. International Ltd noe vs Smash Communications Ltd**" (op. cit.). Waqt it-trattazzjoni orali tal-kawza fl-istadju *in rescissorio*, is-socjeta` konvenuta ghamlet l-argument li din il-Qorti m'ghandhiex toqghod fuq is-sentenza "**Dingli Co. International Ltd noe vs Smash Communications Ltd**" billi din ma tikkostitwix precedent. Ghalkemm fl-ordinament guridiku taghna, ma hemmx *the rule of precedent* li huwa vigenti fil-gurisprudenza ingliza, fl-istess waqt Qorti tat-Tieni Istanza bhal ma hija din tal-lum ma ghandhiex tiddipartixxi minn gurisprudenza taghha stess jekk mhux ghal ragunijiet gravi u serji li jwassluha biex taghmel pass ta' dik ix-xorta, u dejjem jekk hekk tirrikjedi l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hija tal-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kriterji li fuqhom l-Ewwel Qorti ghamlet il-kwantifikazzjoni kienu dawk applikabbli fil-qasam u fondati fuq provi akkwiziti. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax ragunijiet hekk determinanti li bihom ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qieghda tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta dirett kontra s-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2008 u tal-15 ta' Lulju 2010, u ghalhekk qieghda tikkonfermahom it-tnejn.**

**L-ispejjez relatati mas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**L-ispejjez relatati mas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010 ghandhom jibqghu kif decizi mill-Ewwel Qorti.**

**L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu wkoll mis-socjeta` konvenuta.**

**L-ispejjez tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2014 dawk tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 2015 ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

GIANNINO CARUANA DEMAJO
AGENT PRESIDENT

NOEL CUSCHIERI
Imhallef

JOSEPH ZAMMIT MCKEON
Imhallef

Deputat Registratur
mb